MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2013

Numru. 1381/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**SHIRLEY SAWYER NEE' CAMENZULI**
**CHARMAINE GRECH NEE' AQUILINA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Shirley Sawyer nee' Camenzuli ta' 31 sena, bint Victor u Maria Carmela nee Camilleri, imwielda Pieta' fis-26 ta' Mejju 1976, residenti f'95, Triq il-Fuxa, San Gwann, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 328676(M); u

Charmaine Grech nee' Aquilina ta' 30 sena, bint Joseph u Josephine nee' Farrugia, imwielda Pieta' fl-14 ta' Jannar

1977, residenti f' 'White Lilly', Triq tal-Mentna, Mqabba, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 107977(M);

Gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Awissu 2006 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin, fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, minghajr awtorizzazzjoni, ipprevjenew jew ostakolaw id-dhul ghal xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg, u dan bi pregudizzju tal-principal taghhom;
u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, installaw, nehhew, biddlu, ikkancellaw, qerdu, varjaw jew ziedu ma' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg, u dan bi pregudizzju tal-principal taghhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 18 ta' Awwissu, 2009 (Ara fol. 96 tal-Process) u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni tal-Ispettur Angelo Gafa' li fis-Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009, qal:

"Sur Magistrat dan il-kaz kien inbeda fuq rapport li kien ghamel is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera s-Sur Joseph Cassar fejn dan kien allega uzu hazin ta' sistema tal-computer u specifikament kien dan allega distruzzjoni ta' data tal-Kunsill li kienet tinsab f'zewg

PC's proprjeta' ta' l-istess Kunsill Lokali Santa Venera. Ir-rapport tieghu datat 4 ta' Mejju 2007 is-Segretarju Ezekuttiv kien qal li dawn l-allegat reati kienu twettqu qabel Awissu 2006 minn zewg impjegati dak iz-zmien tal-Kunsill Lokali taghha. Fil-fatt spjega li f'Awissu 2006 u fid-dati ta' qabel dana kellu xi tilwima ma' zewg clerks tal-Kunsill certu Shirley Sawyer, ID 328676(M) kif ukoll certu Charmaine Grech ID 107977(M) u dan minhabba kwistjoni ta' approvazzjoni o menu ta' vacation leave. Fil-fatt dawn kienu applikaw, dawn iz-zewg clerks kienu applikaw simultanjament sabiex jiehdu vacation leave u x-xoghol taghhom izda dan kien hemm xi dizgwid fl-approvazzjoni tal-vacation leave.
U wara li nqala dan l-incident iz-zewg clerks in kwistjoni kienu rrizenjaw mill-pozizzjoni taghhom. Gara allura li Cassar spjega kif wara li pprogressa r-rizenja ta'dawn iz-zewg clerks fid-daily running tax-xoghol taghhom, dan kien spjega li numru ta' files li jaf li kienu fiz-zewg PC's ta' dawn il-clerks kienu neqsin. Spjega pero' kif wara rnexxielu b' xi mod jew iehor itella' l-istess data minn fuq in-network li kellu il-kunsill. Pero' fil-PC's ta' dawn il-clerks sab kollox imhassar. Spejga wkoll kif filwaqt li r-rapport tieghu gie jaghmlu fl-4 ta' Mejju 2007 minn Awissu 2006 wara r-rizenja ta' dawn iz-zewg clerks sad-data in kwistjoni l-istess computers kienu baqghu jintuzaw. U dina mill-ewwel dehret li kienet ser tkun ta' handicap ghal investigazzjoni tal-Pulizija. kont sussegwentement ghaddejt iz-zewg PC's rispettivi s-cyber crime unit lil PS 266 Stefan Decelis ghal analizi minn naha taghhom. Pero' b'rapport datat 13 ta' Awwissu 2007 dan kien spjegali li l-investigazzjoni taghhom minn naha tas-cyber crime unit ma setghux kienu taw rizultat negattiv u dan ghal fatt li l-computers kienu baqghu jintuzaw ghal dan iz-zmien kollu.

Ghandi nghid ukoll qabel ma bdew fil-fatt l-analizi jiena kont kellimt mal-Ispettur Paul Caruana, illum Supretendent u dan in charge mis-Cyber crime unit. Hu ndikali minn qabel ma bdew l-analizi li kienet difficli hafna li jkollna rizultati minhabba it-time gap ta' bejn id-data tal-incident u r-rapport maghmul lil Pulizija. fil-fatt nghid li r-rapport kien maghmul disa' xhur wara l-allegat kommissjoni ta' dawn ir-reati. Nonostante dan kollu fis-7

ta' Settembru 2007 kont baghat kemm ghal Charmaine Grech u ghal Shirley Sawyer." "………………………………….."

"Wara li allura rajna li l-istruzzjonijiet tieghu kienu biss li dawn ihassru data mhux relatata mal-Kunsill Lokali kif ukoll li d-datat li thassret, il-files tal-Kunsill Lokali thassru biss granet qabel ma temmew l-impjieg taghhom mill-Kunsill Lokali Santa Venera u din qatt ma saret qabel, ahna rajna li kellna ragunijiet bizzejjed sabiex jittiehdu proceduri Kriminali kontra l-imputati hekk kif, skond l-akkuzi odjerni. Jien f'dan l-istadju Sur Magistrat qieghed nesebixxi, anzi qabel nesebixxi d-dokumenti nghid fil-fatt kif sussegwentement wara l-bidla fl-amministrazzjoni tal-Kunsill f'Marzu tas-sena l-ohra jiena kont ircevejt ittra, ikolli nghid iktar minn ittra wahda minghand is-Sindku tal-Kunsill Lokali Santa Venera Elizabeth Vella fejn din kienet talbet sabiex il-Pulizija twaqqaf il-proceduri Kriminali kontra z-zewg imputati.
Naturalment dan kien kaz fejn il-Pulizija kellha tipprocedi ex ufficio u mhux fuq il-kwerela tal-parti u ahna komplejna bil-proceduri Kriminali kontra z-zewg imputati."

"……………………………………………………………………
…………………..."

"…………………………………………….." "Bhala Dok AG 7 nesebixxi ittra datata 21 ta' Mejju 2008 mill-Kunsill Lokali Santa Venera kien baghat, li specifikatament is-Sindku kienet baghtet lili fil-Kwartieri tal-Pulizija sabiex nirtira l-akkuzi odjerni. Dan id-dokument qed jigi esebit u mmarkat bhala dok AG 7. Rigward ir-rapport tas-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Cassar dana kien ghamel rapport bil-miktub fl-4 ta' Mejju 2007 li ghandi kopja fil-file tal-Pulizija."

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami jghid:

"…......................................................................................
......................................"

"………………………………..." "Fil-fatt kif xehedt dwar dan il-Kunsill kien irkupra din id-data minn fuq il-back ups li kellu u anke minn fuq is-sistema ta' network li l-Kunsill kellu. Ikolli nghid iva d-data in kwistjoni kien hemm back ups taghha pero' l-fatt hu li dawn hassru d-data minn fuq il-computer li huma kellhom awtorizzazzjonijiet u ahna kellna konferma minn naha l-ohra li qatt ma kellhom awtorizzazzjoni f'dan is-sens li jhassru d-data minn fuq il-computers taghhom u li hija data tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

Qed nigi mistoqsija jekk jiena qattx kellimt jew qattx gie jkellimni s-Sindku ta' dak iz-zmien Stephen Sultana u nghid jekk niftakar sew dan kien gie darba s-Segretarju Ezekuttiv Joseph Cassar. Pero' r-rapport ghamlj s-Segretarju Ezekuttiv u jiena dejjem illajsjajt mas-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Cassar li kien hu li fil-fatt ghaddieli l-computers u kien indikalna ghal xiex ghandna nfittxu waqt l-investigazzjonijiet taghna. jekk niftakar sew is-Sindku ta' dak iz-zmien li l-isem tieghu qed jigi suggerit lili, sa fejn niftakar sew kien attenda darba mas-Segretarju Ezekuttiv ma' wahda mill-laqghat li kellna waqt l-investigazzjonijiet preliminari tal-Pulizija.

Qed nigi mistoqsi apparti soft back ups kien hemm hard copies bhala back up nghid iva kien hemm back up hard copies ghax il-fatt ahna l-investigazzjonijiet taghna bdew isiru minn fuqhom u fil-fatt is-Segretarju Ezekuttiv kien gabli pataflun karti biex jurini d-dokumenti setghu kienu gew iddilitjati minn fuq il-computers tal-Kunsill Lokali Santa Venera f'forma ta' hard copies. Pero' kien spjegali naturalment dan kien xoghol li kien diga' lest fil-computers allura kieku ma kienx hemm dawn il-back ups kellu jsir mill-gdid. Pero' ehe kien hemm hard_copies bhala back ups."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Joseph Cassar li fis-Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009 qal:

"Nghid illi fil-perjodu ta' Awwissu 2006 jiena kont Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Jiena llum ghandi l-istess xoghol. Jiena ili f'dina l-

pozizzjoni rigwardanti l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ghal dawn l-ahhar 8 snin. Qed nesebixxi bhala dok JC 1 dikjarazzjoni li jiena ghamilt lil Pulizija fid-data tal-4 ta' Mejju 2007 u nghid illi qieghed naghraf il-firma tieghi fuq dina d-dikjarazzjoni. F'din id-dikjarazzjoni li ghadni kif esebejt jiena ghamilt ir-rapport tieghi lil Pulizija rigwardanti. Nghid illi wara ftit xhur kienu rrizenjaw l-iskrivani li kellna fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li qieghed naghrafhom bhala l-imputati prezenti fl-Awla. Nghid dawna l-imputati kienu telqu mix-xoghol taghhom bhala segretarji tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ghal habta ta' Awissu 2006. Kienu irrizenjaw flimkien minhabba kwistjoni ta' leave flimkien. Nghid illi l-Kunsill Lokali ma kienx tani awtorizzazzjoni napprova dan il-leave sa kemm xi hadd minnhom icaqlaq il-leave tieghu. Nghid illi mbaghad dahlu mpjegati godda. Ghalhekk ridt nghallem lil impjegati l-godda fuq il-computers li kien qabel juzaw l-imputati. Jiena sibt dokumenti u files nieqsa minn dawn il-computers.

Jiena mbaghad irrapurtajt dwar dan lis-Sindku ta' dak iz-zmien li kien Mr Stephen Sultana u dana mbaghad kien informa lil Kunsill u mbaghad il-Kunsill ta' Santa Venera ddecieda li jiena ghandi mmur naghmel rapport lil Pulizija. nghid illi l-files li sibt neqsin kienu files li normalment konna nuzawhom kuljum ghax-xoghol ta' rutina ta' kuljum tal-Kunsill Lokali Marsascala u ghalhekk nghid illi jiena awtomatikament mort infittex dawn il-files fil-computer biex jiena naghti spjegazzjoni lil impjegati godda li dahlu u uhud minnhom dawn il-files u_dokumenti ma sibthomx fil-computers. Nghid illi dawn il-files u dokumenti li sibt neqsin kienu jezistu f'dawn il-computers li qabel kienu juzaw l-imputati ghaliex nghid dawna l-files u dokumenti konna ahna nuzawhom regolarment tul is-snin precedenti.

Nghid illi minn files u dokumenti neqsin illi sibt kien hemm specimens ta' inviti, posters, biljetti, certifikati, skedi ta' pagamenti, skedi ta' bank receipts, skedi ta' petty cash, labels, letter reference, no parking signs, dettalji ta' kuntratturi, specimen ta' guramenti, parti minn kuntratti, Registru Elettorali li kien fuq id-database, nies li kienu attendew attivita jew kors, lista ufficjali ta' indirizzi u

telephone numbers ta' Dipartimenti tal-Gvern, kopja ta' minuti ta' sotto kumitat tal-Ambjent li kien ghadhom ma gewx approvati, labels bl-indirizzi tal-Kunsilliera prezenti ta' dak iz-zmien, mail merge list u dina tkun lista bl-indirizzi ta' mail li solitament nibghatu in bulk lin-nies. Dettalji ta' pagi, vacation leave records u memos mahruga mill-Amministrazzjoni tal-Kunsill. Nghid l-imputati kellhom computer separat ghal kull wahda.

B'referenza ghal dok JC 1 li jiena esebejt illum jiena nikkonferma l-kontenut kollu tieghu. Rigwardanti data li tirrigwarda flus nghid u pagamenti u wkoll fuq il-pagi dan kien fil-computer tal-imputata Shirley Sawyer. In kwantu d-dokumentazzjoni ohra in kwantu ghal dokumenti ohra bhal inviti, posters eccetra dawn kienu fil-computer ta' Charmaine Grech.  Nghid l-iktar computer li kien fih data nieqsa kien il-computer nieqsa kien il-computer ta' Charmaine Grech. In kwantu ghal dina d-data li semmejt li giet imhassra il-Kunsill Lokali wara irnexxielu jirkupra numru minn dina l-informazzjoni. Numru minn din l-informazzjoni kienet qeghda ssejvjata f'back ups u cd's.

Nghid biex irnexxilna nirkupraw numru mid-dokumentazzjoni dan hadilna numru ta' granet. Nghid jiena lil imputat kont tajthom struzzjonijiet li nhassru data li ma kienux relatati mal-funzjoni tal-Kunsill. In kwantu ghad-data li jiena diga' semmejt dwarhom li ahna sibna nieqsa jien ma kontx tajthom struzzjoni biex ihassru din id-data. Qed nesebixxi dok JC 2 li din hija dikjarazzjoni ulterjuri li jien ghamilt lil Pulizija. nghid illi jiena dak illi kont ghidt lil imputati biex ihassru mill-computers kienu ricetti ta' tisjir, loghob u screen savers. Nghid illi jiena tajt din l-ordni ghax kelli impjegati ohra fil-Kunsill li kienu juzaw il-computer u allura ghamilt linja generali biex hadd ma izomm dawna l-affarijiet personali bhal ricetti jew loghob u li dawna allura ghandhom jithassru mill-computers ta' kullhadd. Nghid dawn l-istruzzjonijiet hrigthom tramite MEMO datata 30 ta’ Settembru 2005. Qieghed nesebixxi kopja ta dam il-MEMO li qed tigi esebit bhala dok JC 3. Nghid dan id-dokument li ghadni kemm esebejt huwa vera kopja minni awtentikata.

Hawnhekk naghmel referenza ghad-dok li ghadni kemm esebejt senjatament ghal punt numru 1. Nghid l-imputati nghataw dana l-MEMO. Fil-fatt ghaddejtulhom jien personalment. U hawn nixtieq nippreciza li jiena qabel kont verbalment ghidt lil imputati dwar dana l-MEMO u mbaghad tajthom kopja miktuba ta' x'ghidnilhom. Nixtieq nghid illi jiena rigwardanti d-dokumentazzjoni u l-files li sibt nieqsa mill-computers tal-imputati dawk id-dokumenti u files ma kienux dokumenti u files li kienu jaqghu taht dana l-MEMO u ghaldaqstant dawn ma kienux dokumenti u files li jiena kont ordnajt f'din il-MEMO li semmejt li dawna jigu mhassra.

Nixtieq nghid li l-computers li kienu juzaw l-imputati sussegwentement jiena ghaddejthom lil Pulizija nghid pero' sa kemm jien ghaddejthom lil Pulizija dawn il-computers kienu qed jigu uzati minn impjegati godda. Nixtieq nghid illi jiena pero' d-dokumenti u files li sibt neqsin sibthom immedjatatment wara li telqu l-impjegati u dan kien meta jiena kont qieghed bil-mod il-mod nuri lill impjegati l-godda l-utilizzat ta' dawna l-computers. Nghid illi kien is-Sindku ta' dak iz-zmien Mr Stephen Sultana li lili kiena qalli li ma kelliex nawtorizza lil imputati li dawna jiehdu l-leave flimkien. Nipprometti li f'seduta ohra naghti l-informazzjoni dettaljata inkluza d-data ta' meta l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera lili kien ordnali biex jiena ninforma lil Pulizija b'dak li sibt. Qed nigi mistoqsi biex naghti spjegazzjoni minhabba t-trapass ta' zmien minn meta jiena bdejt ninduna bid-dokumentazzjoni nieqsa mill-computers tal-imputati sa kemm effettivament sar rapport lil Pulizija dan nghid ghaliex jiena fil-bidu li skoprejt li kien nieqes kien ta' natura negligibli nghid pero' mbaghad man mano li bdejt iktar niccekja l-affarijiet sibt illi d-dokumentazzjoni u l-files li kienu neqsin kienu aktar serji. Nikkonferma li dan l-perjodu li jiena domt minn mindu ndunajt li kien hemm xi affarijiet neqsin sa kemm jien imbaghad bdejt niskopri matul iz-zmien dokumentazzjoni u files neqsin sa kemm jiena mbaghad ir-rapport lil Pulizija, ghadda xi perjodu ta' xi disa' xhur.
Nghid illi f'okkazzjoni minnhom meta jiena kont tkellimt mal-Pulizija, is-Sindku ta' dak iz-zmien Stephen Sultana kien prezenti mieghi."

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

"Nikkonferma illi l-MEMO fejn jiena kont tajt ordnijiet bhal tnehhija ta' certu affarijiet minn gol-computer dan il-MEMO kien jghodd ghal impjegati kollha. Nikkonferma illi dak iz-zmien il-computers kienu jintuzaw ghal affarijiet personali nkluzi minni anke mis-Sindku ta' dak iz-zmien. Nghid illi meta jiena bdejt l-investigazzjoni ghal fatt illi bdejt insib dokumentazzjoni nieqsa jiena lil imputati ma kontx baghat ghalihom. Nghid illi jiena meta ndunajt b'dawn id-dokumenti u l-files neqsin, kont kellimt lis-Sindku ta' dak iz-zmien, huwa nizel mieghi isfel u kien ikkonstata dak li ghidtlu minn fuq il-computers huwa personalment. Nghid jiena qabel ma mort naghmel ir-rapport lil Pulizija wara li kienu ordnawli il-Kunsill biex naghmel hekk, jien kont dhalt sew fil-computer biex nara x'hemm u x'mhemmx. Mistoqsi jekk kemm -il darba l-imputati kien baghat ghalihom xi hadd minn tal-Kunsill Lokali nghid li ma jidhirliex. Nghid li wara li kienu rrizenjaw l-imputati il-computers taghhom kien hemm zmien zghir li uzajthom jiena biss. Imbaghad sussegwentement dahlu mpjegati godda u dawn bdew juzawhom huma. U dawna kienu Maria Aquilina u Denise Cutajar. Nghid illi kemm jiena u kemm dawna z-zewg skrivani godda li semmejt dawn il-computers li qabel kienu qed jigu ntuzati mill-imputati dawn konna uzajnihom qabel ma jiena kont ghamilt ir-rapport lil Pulizija. nixtieq ghaldaqstant nghid u nikkonferma illi ghal perjodu ta' zmien li kien jikkonsisti f'xhur dawna l-computers li qabel kienu jintuzaw mill-imputati kienu gew uzati minni u miz-zewg skrivani li semmejt il-godda.

Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk dehrliex li stante dawna kienu persuni illi kienu uzaw dawn il-computers, kelliex insejhilhom biex huma jassistu nghid illi peress li dawn kienu irrizenjaw mil-job taghhom ma kelliex raguni il-ghala nsejhilhom biex jigu. Nghid jiena il-Kunsill Lokali ma kienx tani struzzjonijiet li jiena nsejjah lil imputati biex jigu jaghtu assistenza in kwantu bhal per ezempju kif qed jigi suggerit lili mid-Difiza li f'kaz ta' dokumenti u files neqsin jghiduli jekk kienx hemm xi back ups dwarhom jew le.

Nghid illi jiena ndunajt illi kien hemm dokumenti u files neqsin mill-computers li qabel kienu jintuzaw mill-imputati qabel u wara dahlu l-iskrivani l-godda. Nghid kien fil-perjodu ta' inqas minn erba' gimghat illi jiena, u dana mid-data li kienu rrizenjaw l-imputati li jiena bdejt ninduna li kien hemm xi dokumenti u files neqsin mill-computers li kienu juzaw qabel l-imputati. Nghid l-ewwel perjodu jien biss kont qed nuza dawn il-computers li qabel kienu jintuzaw mill-imputati. Qieghed nesebixxi bhala dok JC 4 ittra li jiena baghat lil Pulizija u li hija datata 30 ta' Jannar 2007. Nghid illi effettivament fin kienet l-ewwel dokumentazzjoni li jiena baghat lil Pulizija rigwardanti dan il-kaz.

Nghid illi jiena mbaghad flimkien mis-Sindku ta' dak iz-zmien kellna laqgha mal-ispettur Angelo Gafa' u l-Ispettur Angelo Gafa' lili kien qalli li jiena kelli naghmel certu ezercizzju qabel ma nkunu f'pozizzjoni li nkunu nistghu naghmlu nvestigazzjoni u nghid illi dana hadli l-perjodu minn Jannar sa Mejju biex jiena mbaghad nibghat, jiena naghmel ir-rapport ufficjali lil Pulizija. Fost l-istruzzjonijiet li nghatajt mill-Ispettur Gafa kien li jiena nidhol fil-computers in kwistjoni u li nivverifika l-affarijiet b'mod estensiv. Niftakar illi jiena mbaghad lil Ispettur Gafa kont hadtlu zewg kaxxi kbar li kien fihom, kont hadtlu hard copies ta' kull ma seta' gie deletjat mill-computers. Nghid jista' jkun li kien dakinahr stess tat-30 ta' Jannar 2007 li kont baghat l-ittra li gia' esebejt bhala Dok JC 4 li jiena kont kellimt verbalment lil Ispettur Angelo Gafa. Nghid bejn wiehed u iehor kien fil-perjodu ta' Awwissu 2006 u Settembru 2006 li l-imputati kienu rrizenjaw mix-xoghol taghhom mal-Kunsill Lokali. Nghid it-towers tal-computer li kienu uzaw l-imputati ttiehdu ghand il-Pulizija fl-4 ta' Mejju 2007. Nghid illi in kwantu ghal verifiki li kien hemm nieqes mill-computers li qabel kienu jintuzaw mill-imputati, l-verifiki ghamilthom jiena flimkien mas-Sindku ta' dak iz-zmien.

Qed nigi mistoqsi jekk jiena ghamiltx xi haga biex l-computers jigu preservati fl-istat li hallewhom l-imputati wara li kienu telqu mill-Kunsill Lokali nghid li le."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PS 266 Stefan Decelis li fis-Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009, qal:

"Nghid fuq inkarigu li kien tani l-Ispettur Angelo Gafa' nghid fl-4 ta' Mejju tas-sena 2007 ahna gejna nfurmati mill-Ispettur Angelo Gafa bhala unit u qed nirreferi ghas-Cyber Crime Unit li huwa kellu rapport mis-Segretarju Generali tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u dana kien is-Sur Joseph Cassar u dan ir-rapport kien jikkonsisti illi xi mpjegati tal-Kunsill lokali kienu tterminaw l-impjieg taghhom mal-Kunsill kienu hassru xi dokumenti u xi files li kien hemm fil-computers tal-Kunsill Lokali. Inzid nghid illi s-Sur Cassar is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kusill Lokali ta' Santa Venera kien ha zewg computers fl-ufficju tal-Ispettur Angelo' Gafa'. Minn hemmhekk il-computers gew mghoddija lilna bhala cyber crime unit tal-Pulizija biex issir l-analizi fuqhom. Kienet inharget ricevuta dwar dawn il-computers li kopja taghha qeghda annessa fir-rapport li jien issa sejjer nipprezenta. Ahna kellna l-kompitu li naraw x'dokumenti u files gew deleted minn dawn il-computers.

Mill-ewwel computer li ahna tajnih bhala label PCO1HD01 saret analizi kif deskritta fir-rapport li jiena issa sejjer nipprezenta. U dan l-istess sar rigwardanti t-tieni computer li ahna llabiljajnih PC02HD01. Qieghed nipprezenta ir-rapport tieghi rigwardanti dan li ghadni kif xehedt li qed tigi esebit u mmarkat bhala dok SDP 1. Nesebixxi ukoll zewg hard disk li qeghdin dawn separatament f'zewg envelopes sigillati. In kwantu ghal hard disk qed nesebixxi il-hard disk tal-computer li ahna llabiljajnih bhala PC01HD01 bhala dok SDP 2 u in kwantu ghal hard disk l-iehor li qieghed ukoll nesebih f'envelope ssigillat li dan ghandu bhala labelling PCO2HD01 bhala dok SDP 3. Nghid mill-analizi li ghamilt jiena fuq dawn il-computers irrizulta illi kien hemm files imhassrin. Irrizultali ukoll illi l-attivita' ta' dawna l-hard disks baqghet ghaddejja sal-4 ta' Mejju tas-sena 2007."

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

"Nghid jiena x-xoghol tieghi ma giex b'nomina mill-Magistrat imma bhala Police Work u ghalhekk il-kompitu tieghi kien limitat ghal dak li gejt mitlub biex naghmel mill-Ispettur Angelo Gafa'. Fuq domanda li qeghda ssirli mid-Difiza jekk jiena gejtx mitlub mis-Superjuri tieghi biex naghmel verifiki min kellu access ghal dawn il-computers nghid jiena ma gejtx mitlub biex naghmel tali verifiki. Nghid illi jiena ma kontx accedejt fuq il-post fejn kienu originarjament dawn il-computers. Nghid illi jiena bhala oggetti li gejt mghoddi kienu mghoddija lili kienu dawn iz-zewg computers oltre ovvjament l-istruzzjonijiet ta' x'kien il-kompitu tieghi. Fuq domanda li qeghda ssirli mid-Difiza jekk jiena tlabtx illi nara jekk kienx hemm backups rigwardanti dawk il-files li jiena mill-computers sibthom deleted nghid li le."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Stephen Sultana li fis-Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009, qal:

"Nghid fil-perjodu ta' Awwissu tas-sena 2006 jiena kont is-Sindku ta' Santa Venera. Rigwardanti l-perjodu li semmejt u cioe' t'Awwissu tas-sena 2006 bhala Kunsill Lokali kien irrizultalna li kien hemm xi informazzjoni fil-computers tal-Kunsill Lokali li dawna kienu neqsin liema computers kienu qeghdin jigu utilizzati ex impjegati tal-Kunsill Lokali qed naghrafhom bhala l-imputati prezenti fl-Awla. Nghid illi l-problema inizjalment bdiet meta iz-zewg imputati riedu li jiehdu l-leave flimkien. Nghid illi dana pero' dak li kienu qeghdin jitolbu l-istess impjegati li kif diga' ghidt huma l-imputati prezenti fl-Awla rigwardanti l-leave dana ma kienx prospettat fil-leave planner taghhom u qieghed nesebixxi vera kopja tal-Leave planner li jirrigwardjaw liz-zewg imputati li qeghdin jigu esebiti u mmarkati bhala dok SCP 1. Nghid illi d-decizjoni kienet li leave flimkien dawn ma jiehdux u dana stante u nghid illi dana minhabba l-fatt li dan kien sejjer jikreja handicap lil Kunsill Lokali ta' Santa Venera stante dana illi bhala mpjegati kien hemm 3 minn nies, huma t-tnejn u s-Segretarju Ezekuttiv u ghalhekk kieku dawna kienu ser jiehdu l-leave it-2 flimkien kien se jikreja tali handicap iktar u iktar meta l-leave li xtaqu kien leave li huma f'dak il-leave kienu sejrin isiefru allura kienu ser ikunu barra l-pajjiz.

Allura jiena bir-responsabilita' tieghi ta' Sindku hadt id-decizjoni li ma naccettax dana l-leave. Gie kkomunikat lilhom mis-Segretarju Ezekuttiv li l-leave ma giex approvat u eventwalment iz-zewg imputati tefghu ittra ta' rizenja. Nghid illi jiena allura stante li rcevejt dina l-ittar ta' rizenja kelli ntella' din l-ittra ta' rizenja quddiem il-Kumitat tal-Kunsill Lokali liema rizenja giet accettata mill-Kunsilliera prezenti. Imbaghad l-imputati kellhom jahdmu n-Notice. Kif konna ghaddejin bdejna nindunaw illi kien hemm certu dokumenti li bdew jonqsu minn gol-computers. Jien allura ma stajt nibqa' passiv fuq din l-issue. Jien ghalhekk tlabt lis-Segretarju Ezekuttiv biex jidentifikali d-dokumenti li kien hemm neqsin. Nesebixxi kopja ta' e mail li rcevejt minghand is-Segretarju Ezekuttiv fejn dana indikali x'kien sab nieqes. Qieghed nesebixxi dan id-dokument bhala dok SCP 2.
Jien imbaghad ghaddejt l-informazzjoni lil Pulizija biex il-Pulizija taghmel l-investigazzjonijiet li kellha taghmel. Nghid il-computers li minnu rrizultalna li kien hemm dokumentazzjoni li kienet qeghda tonqos kienet computers li dawna sakemm dawna l-imputati kienu ghadhom fl-ufficju taghhom kienu computers li kienu qed jutilizzawhom l-istess imputati.

Hawnhekk nixtieq naghmel spjegazzjoni illi ahna bdejna nindunaw illi kien hemm xi files u dokumentazzjoni minn gewwa computers li kienu utilizzati mill-imputati neqsin wara li l-imputati kienu telqu mill-Kunsill Lokali.

Nghid illi dan li sehh kien illi meta ahna mbaghad u dana nispjega wara li l-imputati kienu telqu minn mal-Kunsill Lokali taghna, kien ikollna bzonn xi dokumentazzjoni bhal minuti jew inkella xi kopja ta' kuntratt nghid liema minuti jew kuntratt kienu qabel go dawn il-computers, meta ahna gejna biex nutilizzawhom dawn ma sibnihomx. Nixtieq nghid illi ahna s-sistema taghna kienet sistema ta' network, hard disk differenti u dina n-network kienet rigwardanti l-computers taz-zewg imputati u tas-Segretarju Ezekuttiv. Jiena konxju tal-fatt, nixtieq nghid illi jiena konxju tal-fatt illi meta l-imputat kienu ghadhom impjegati taghna, il-computer taghhom seta' gie utilizzat

mis-Segretarju Ezekuttiv. Nghid bhala stat ta' fatt jiena kont utilizzajt il-computer ta' Charmaine Grech u dana f'okkazzjoni wahda u dan kien fil-perjodu ta' bejn Frar u Marzu tat-2006, naf li kienet il-gurnata tal-Hadd u ma niftakarx id-data.

Qed nigi muri d-dokument dok JC 3 li jinsab a fol 47 tal-process. Rigward dan id-dokument nghid illi dan id-dokument jiena kont ordnajt lis-Segretarju Ezekuttiv biex johrog dan id-dokument wara li kien qed jirrizultalna, fost ohrajn qeghdin jigu utilizzati fil-computers tax-xoghol affarijiet li m'humiex relatati max-xoghol bhal ricetti, materjal tat-tfal eccetra. Dana kien affarijiet li ma kienux relatati max-xoghol. Dana rrizultalna li kien qieghed fil-computers tal-imputati. Jiena nichad illi l-imputati tajnihom struzzjonijiet biex inehhu materjal relatat mal-Kunsill Lokali mill-computers.

L-ordni taghna li ghadni kemm ghamilt referenza ghalih huwa car. Dina l-ordni harget fit-30 ta' Settembru tas-sena 2005. Nghid iz-zewg imputati kienu ilhom impjegati mal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera mill-bidu tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill u nghid illi dana allura kien fil-perjodu ta' xi l-1993 jew l-1994. Jiena kont ili Sindku minn April 2005.

Nghid minn April 1999 jiena kont involut fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera bhala Kunsillier. Fil-perjodu bejn l-1999 sal-2006 u allura sa qabel ma kien hemm dawn il-complaints li jiena xehedt dwarhom illum, qabel qatt ma kelli xi complaints minghand xi hadd illi kien hemm xi files illi kienu qeghdin jonqsu mill-computers tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Nghid illi fil-perjodu l-impjegat kienu qeghdin jahdmu l-perjodu tan-Notice, is-sitwazzjoni bejnietna ma kinitx in good terms, tant hu hekk li lanqas konna nitkellmu. Apparti l-fatt illi dawn l-imputati kienu ghamlu perjodu bis-sick leave fis-sens illi perjodu l-ewwel tohrog wahda bis-sick u mbaghad tohrog l-ohra bis-sick."

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

"Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk jiena ghamiltx verifiki rigwardanti dan il-fatt li qed nghid li l-imputati bdew johorgu bis-sick leave nghid jiena bhala Kunsill Lokali ma kellniex il-Facilita' illi ahna nordnaw li jmur tabib jara lil impjegati. Nghid illi jiena minghalija li konna ghamilna talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dina l-bicca xoghol li imur tabib jaghmel il-verifiki dwar jekk hux veru jew le kienu sick l-imputati pero' dana nghid illi dina t-talba mad-Dipartiment ma niftakarx il-perjodu ta' meta kien u nghid illi probabilment dan kien ghal perjodu qabel ma l-imputati kienu qeghdin jahdmu n-notice. Mistoqsi jekk kemm -il darba jirrizultaliex jekk l-imputati kienu qeghdin jirrapurtaw sick dawn fil-fatt kienu bhal per ezempju qeghdin barra fit-triq nghid illi dan ma rrizultaliex. Nghid illi kien il-Kunsill Lokali mmexxi minni li ha d-decizjoni li jsir rapport lil Pulizija rigwardanti dak li ghidt dwar il-computers.

Jekk m'hiniex sejjer zball kien hemm xi rizoluzzjoni specjali tal-Kunsill lokali f'dan is-sens. Nghid illi jekk jiena nitlob kopja ta' tali rizoluzzjoni nahseb li jkolli access ghaliha. B'referenza ghal dok SCP 1 li jiena ipprezentajt illum bhala planner, nghid dan il-planner kien rigwardanti l-leave tal-imputati u jekk l-imputati riedu li jsir tibdil minn dana l-year planner huma dawn kellhom jitolbu permess lis-Segretarju Ezekuttiv.

Dina l-procedura kont addottajtha jiena meta hadt it-tmexxija tal-Kunsill Lokali f'idejja. Nghid illi dina l-procedura nformali qablu maghha l-imputati. Tant u hekk illi huma ghamlu l-leave planner li jiena esebejt u jiena dina l-procedura ghamiltha biex jigi evitat li l-Kunsill Lokali ikollu xi handicap. U jiena nghid illi la l-imputati ghamlu dan il-leave planner huma kienu accettaw dina l-procedura li semmejt. Nghid illi dan il-pjan fuq il-leave ma johrog mill-ebda regolament tal-Gvern pero' kull Kunsill ghandu procedura x'jaddotta u dina l-procedura li adottajt kienet bi qbil mal-iskrivani minhabba l-fatt li huma stess kienu ghamlu l-leave planner, m'ghamililhomx jien.

Qieghed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk bhala fatt illi z-zewg imputati ghazlu li jiehdu l-leave flimkien din kinitx xi haga

illegali nghid bhala fatt din ma kinitx haga illegali. Nghid l-agir tieghi illi jiena il-leave m'approvajtux ma kinitx azzjoni llegali da parti tieghi. Nghid illi fuq domanda li qedghda ssirli mid-Difiza ghalija l-agir tal-imputati li talbu l-leave flimkien kien annormali ghaliex huma kienu jafu bis-sitwazzjoni tal-Leave planner u allura kienu jafu li la talbu l-leave flimkien kien ser ikun hemm konfrontazzjoni. Effettivament il-leave ma haduhx pero' l-ghada li kienu gew infurmati li l-leave kien michud huma pprezentaw l-ittra ta' rizenja.

Bhala stat ta' fatt nghid li l-imputat kienu liberi li jirrizenjaw meta jridu. Nghid dina c-cirkolari fejn kien hemm l-ordni li jitnehhew mill-computers affarijiet mhux relatati max-xoghol tal-Kunsill Lokali kienet harget ghal impjegati kollha nkluz is-Segretarju Ezekuttiv. Nghid dik l-ordni li jiena hrigt biex jitnehhew mill-computers files li ma kellhomx x'jaqsmu max-xoghol relatat tal-Kunsill lokali jiena dik hrigtha wara li jiena kont gejt infurmat mis-Segretarju Ezekuttiv illi l-imputati kellhom tali materjal fil-computers li kienu qed juzaw. Nghid fuq domanda li qeghda ssirli mid-Difiza li jiena l-uniku darba li accedejt ghal computer minn tal-Kunsill Lokali ghar-raguni mhux ta' xoghol tal-Kunsill Lokali kienet meta kienet gurnata tal-Hadd u meta kont in good terms mal-imputati u meta utilizzajt il-computer tal-imputata ta' Charmaine Grech ghal fini li dhalt gewwa website wahda. Nixtieq naghmel korrezzjoni u nghid li ghal fini li uzajt l-internet.
Nikkonferma li l-computers kienu password protected. Nghid illi jiena f'dina c-cirkostanza llogjajt bil-logging tieghi u kelli bilfors nuza l-password ta' Charmaine Grech. Jien mbaghad tajtha struzzjonijiet cari biex eventwalment din taqbad u tbiddel il-passwords. Dina kienet l-unika okkazzjoni fejn utilizzajt computer li kien taht Charmaine Grech u fil-kaz tal-computer ta' Shirley Sawyer qatt ma utilizzajtu."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Elizabeth Vella li fis-Seduta tat-22 ta' Lulju, 2009, qalet:

"Jiena s-sindku attwali ta' Santa Venera. Jiena ilni Sindku ta' Santa Venera mill-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u

tmienja (2008). Fil-perjodu ta' bejn il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu ta' l-elfejn u sitta (2006) u fil-jiem ta' qabel, jiena kont kunsilliera fl-istess kunsill lokali ta' Santa Venera. L-imputati li qed ngharafhom prezenti fl-Awla nafhom. L-imputati fil-perjodu tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu ta' l-elfejn u sitta (2006) kienu mpjegati mal-kunsill lokali ta Santa Venera. L-imputat kien ilhom snin impjegati maghna. Kienu impjegati bhala clerks. In kwantu ghall-imputata Shirley Sawyer nee' Camenzuli f'dak il-perjodu fl-assenza tas-segretarju kienet tagixxi ta' deputat segretarju fil-kunsill lokali ta' Santa Venera. Nghid fil-perjodu li semmejt ta Awwissu ta' l-elfejn u sitta (2006) is-segretarju Joseph Cassar kien tella' quddiem il-kunsill applikazzjoni tal-leave ta' l-imputati. Dana kienu ghamlu talba l-imputati ghal-leave li kien ser ikun ghall-perjodu ta' l-istess zmien. Pero' s-segretarju ma kienx accetta din it-talba ghal-leave ghaliex kienu ser jiehdu l-leave t-tnejn (2) fl-istess perjodu. Imbaghad nghid kienet qamet diskussjoni fil-kunsill illi dawna ma jinghatawx il-permess li jiehdu l-leave flimkien fl-istess perjodu. Fil-laqgha tal-kunsill konna jiena u kollega tieghi Mr Charles Camilleri, konna ssugerjna illi l-imputati kellhom jidhru quddiem il-kunsill biex nitkellmu fuq dina l-kwistjoni. Pero' mbaghad ittiehdet decizjoni fil-kunsill illi le, dawn l-impjegati ma jidhrux quddiem il-kunsill. Sussegwentement is-segretarju Cassar kien baghat din id-decizjoni lill-imputati li dawn imbaghad baghtulna r-rizenja taghhom. Imbaghad kienet issejhet laqgha b'urgenza tal-kunsill u dana rigwardanti dina r-rizenja. Saret diskussjoni fil-kunsill in kwatu r-rizenja. Dina l-laqgha kienet in kwantu ghandiex tigi accetta jew le r-rizenja ta' l-imputati. Jiena kont ghidt fil-kunsill f'din il-laqgha li kienu kienet saret dik il-laqgha maghhom, ma l-imputati, li kienu jidhru quddiem il-kunsill, din il-problema ma kienetx tinqala'. Nghid illi pero' mbaghad giet deciza illi jittiehed vot in kwantu jekk tigi accettata jew le ir-rizenja ta' l-imputati. Fil-fatt nghid illi jiena bi protesta tlaqt 'il barra minn dik il-laqgha u d-decizjoni li kienet giet mehudha kienet li tigi accettata r-rizenja da parti ta' l-imputati.

Qed nigi murija d-dokument Dok. AG 7 li jinsab a fol hamsa u tletin (35) tal-Process. Nikkonferma li qieghda

ngharaf il-firma tieghi fuq dan id-dokument. Din ittra li kont bghatt jiena. Dina l-ittra hija datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008). Jiena nikkonferma li dina l-ittra jiena kont ktibtha u nikkonferma l-kontenut taghha. Nghid illi jiena ghamilt it-talba kontenuta fl-imsemmija ittra li fejn tlabt illi l-proceduri kriminali fil-konfront ta’ l-imputati jitwaqqfu ghaliex jiena tal-fehma u dejjem kont, illi z-zewg (2) imputati ma kienux inghataw opportunita illi huma jkunu jistghu jitkellmu quddiem il-kunsill lokali ta' Santa Venera biex jispjegaw l-affarijiet.

Nixtieq nghid ukoll illi fl-ahhar ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) wara li kien diskuss il-performance bonus u dana fuq suggeriment stess tas-segretarju Cassar, sindku ta' dak iz-zmien, illi l-performance bonus ta' l-imputati kellu jinghatalhom. Wara li gie approvat li inghata l-performance bonus kienet saret xi tfittxija mis-segretarju Cassar u dan kien qal li ma kienx sab xi dokument li huwa kellu bzonnu u dan fil-computer li kienu juzawh l-imputati. Nghid li ghall-ahhar ta' Novembru elfejn u sitta (2006) is-sindku ta' dak iz-zmien kien sejjah laqgha tal-kunsill. Nghid illi f'din il-laqgha saret rizoluzzjoni illi l-kaz kellu jghaddi f'idejn il-pulizija u li l-imputati ma jinghatawx il-performance bonus taghhom. Nghid illi jiena ghalija kient saret ingustizzja ma l-imputati ghax din kien haqqhom li jinghataw il-performance bonus liema performance bonus ghadhom sa issa ma inghatawx u nghid illi ghalhekk jiena wkoll xtaqt illi l-proceduri kriminali f'dan il-kaz jitwaqqfu biex allura jkunu huma f'pozizzjoni li jinghataw tali performance bonus."

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami tghid:

"Nghid illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru elfejn u sitta (2006) kienet ittiehdet id-decizjoni tal-kunsill lokali ta' Santa Venera illi l-pulizija tiehu f'idejja l-investigazzjonijiet u nghid jiena dak inhar kont imsiefra u allura kont skuzata milli nidher ghal dik il-laqgha."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghall-kontinwazzjoni tal-kontro-ezami tal-Ispettur Angelo Gafa' li fis-Seduta tal-24 ta' Frar, 2010, qal:

"Qieghed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk kemm -il darba dana Stephen Sultana jien kont investigajtu peress li dana kien dahal gewwa Computer ta' haddiehor bil-password ta' haddiehor nghid investigazzjonijiet fir-rigward ma sarux. Ir-raguni hi illi dak li sar kien sar biex jigi uncovered reat, il-computer kien proprjeta ta' terzi u mhux proprjeta ta' l-imputat. jiena kif diga' ghidt investigazzjonijiet in rigward ta' dak li qed nigi mistoqsi mid-Difiza ma sarux dwar li jigi nvestigat dana Stephen Sultana meta huwa kien dahal fil-computer bil-password ta' haddiehor."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Elizabeth Vella li fis-Seduta tal-24 ta' Frar, 2010, qalet:

"Nghid illi l-maximum tal-bonus li nghataw lil Clerks huwa ta' 6 fil-mija. Nikkonferma illi l-imputati prezenti fl-Awla kien gie approvat li huma jinghataw il-bonus in full jigifieri bis-6 per cent."

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra z-zewg imputati, liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 337C(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta flimkien mal-artikolu 18 tal-istess Kap. 9, il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti tali akkuza ma tirrizultax ippruvata u dan fil-konfront taz-zewg imputati.

In kwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra z-zewg imputati, liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 337C(1)(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta flimkien mal-artikolu 18 tal-istess Kap. 9, il-Qorti tiddikjara li tali akkuza ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-konfront taz-zewg imputati.

F’dan ir-rigward tirrileva li mill-provi prodotti jirrizulta li l-Istqarrijiet taz-zewg imputati ma jistghux jintuzaw kontra tali imputati. Dan ghalhiex meta l-imputati taw l-Isqarrija taghhom tali Stqarrija giet rilaxxata minghajr assistenza ta’ Avukat. Jigi rilevat li l-bqija tal-provi prodotti u dawn

vuoldieri minghajr ma jittiehdu in konsiderazzjoni l-Istqarrijiet tal-imputati dan iwassal ghall-konkluzjoni li tali rimanenti provi mhumiex sufficjenti ghas-sejbien ta' htija tal-imputati.

Dan qed jintqal fid-dawl tal-insenjament tas-Sentenza tal-Grand Chamber ***Salduz v. Turkey*** (27.11.2008) fejn inter alia intqal: "55. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above) Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, *mutatis mutandis*, *Magee,* cited above, § 44). The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."

Il-Qorti zzid tghid illi l-Qorti Kostituzzjonali nostrana fis-segwenti Sentenzi moghtija minnha fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Alvin Privitera*** (11.04.2011), ***Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Mark Lombardi*** (12.04.2011) u ***Il-Pulizija (Supretendent Norbert Ciappara) v. Esron Pullicino*** (12.04.2011) segwit il-principju appena menzjonat f'***Salduz***. F'dan ir-rigward din il-Qorti sejra ticcita s-segwenti bran mis-Sentenza ***Il- Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Mark Lombardi*** (12.04. 2011): "Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu."

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma ssibx lill-imputati Shirley Sawyer nee' Camenzuli u Charmaine Grech nee' Aquilina hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u minnhom tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------